ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 77/11**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: Il-Ħamis, 24 ta' Novembru 2011**

**Ħin: Fid-8.45 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Il-Kav. Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Kunsillier is-Sur Victor Refalo u ċ-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn is-Sinjura Maria Saliba kienu assenti.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Is-Segretarja Eżekuttiva qalet l-iskop ta' din il-laqgħa b' urġenza hu biex ikun diskuss il-kont ta' J. Portelli Projects tal-bini ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq il-Qbajjar, Marsalforn fid-dawl li l-applikazzjoni (il-*claim form* tal-proġett) trid tiġi sottomessa lill-Uffiċċju ta' Eko Għawdex tal-Ministeru għal Għawdex sal-Ġimgħa 25 ta' Novembru 2011.

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ittra li l-Perit bagħat flimkien mal-kont fejn iċċertifika x-xogħol u rrakkomanda li l-Kunsill Lokali jżomm 15% bħala *retention money* tal-ammont sħiħ.

Il-Kunsill Lokali approva l-kont ta' J. Portelli Projects li jammonta għal €42,279.04.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| Kav. Carmelo Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |